# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 542/2019 JVC**

**Marie Louise Zarb bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Abdar Rahman El Gaidi u dan b'digriet tat-18 ta' Gunju 2019**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Marie Louise Zarb nomine kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi fic-certifikat tat-twelid iben l-istess Marie Louise El Gaidi [*recte: Zarb*] huwa rregistrat bl-isem Abdar Rahman;

2. Illi pero Abdar Rahman huwa maghruf minn kulhadd u msejjah bl-isem ta' Samuel;

3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq li tipprevalixxi ruhha mid-dritt li taghti l-ligi taht l-artikolu 253 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jigi registrat fl-att tat-twelid u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti bl-isem Samuel minflok Abdar Rahman;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li l-Att tat-twelid ta' Abdar Rahman li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2882/2009 jigi korrett fis-sens li fil-kolonna isem l-wild l-isem 'Abdar Rahman' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Samuel';

2. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjtu Abdar Rahman El Gaidi huwa kien konsistentament msejjah bhala 'Samuel' u mhux 'Abdar Rahman';

3. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata mill-genituri. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi;

Semghet ix-xiehda ta' l-attrici Marie Louise Zarb fis-seduta tallum stess fejn spjegat li sa mit-twelid kien hem mil-ftehim bejn il-genituri tal-minuri li huwa jissejjeh bl-isem ta' Samuel u fil-qosor Sam. Semght ukoll li l-minuri assolutament ma jridx jaf bl-isem moghti lilu fic-certifikat u meta xi hadd isejjahlu b'dak l-isem huwa jaghmel f'qalbu, jirrabja u jibki;

Il-Qorti, in vista tad-dokumentazzjoni kollha pprezentata kif ukoll tax-xhieda tal-istess Marie Louise Zarb tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u wkoll fl-ahjar interess tal-minuri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-att tat-twelid ta' Abdar Rahman li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2882 tal-2009 jigi korrett fis-sens li fil-kolonna isem il-wild l-isem 'Abdar Rahman' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Samuel';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jaghmel dak kollu neccessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili fil-poter tal-istess intimat relattiv ghar-rikorrent minuri.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Dicembru 2019**